# IL-FTEHIM TAD-WTO DWAR IL-BIEDJA

Is-sistemi ta' appoġġ nazzjonali tal-agrikoltura huma regolati mill-Ftehim dwar il-Biedja, li daħal fis-seħħ fl-1995 u li ġie nnegozjat waqt iċ-Ċiklu tal-Urugwaj (1986-1994). L-objettiv fuq żmien twil ta' dan il-Ftehim huwa li tiġi stabbilita sistema ekwa ta' skambju ta' prodotti agrikoli u li tkun orjentata lejn is-suq, kif ukoll biex jinbeda proċess ta' riforma permezz tan-negozjati tal-impenji dwar l-appoġġ u l-protezzjoni, u permezz tal-istabbiliment ta' regoli u reġimi rigorużi aktar effikaċi fil-livell operazzjonali. Il-biedja hija għalhekk settur partikolari f'dan is-sens, tant li jirrikjedi ftehim speċjali, b'dispożizzjonijiet li jkollhom prevalenza.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

Fil-qafas tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT), iffirmat f'Ġinevra fl-1947, u tal-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), iffirmat f'Marrakech fl-1994 (ĠU L 336, 23.12.1994), l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jaġixxu skont l-Artikolu 207 (il-politika kummerċjali komuni), l-Artikoli 217 u 218 (ftehimiet internazzjonali) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ara l-iskeda 5.2.2).

## IL-QAFAS ĠENERALI TAL-ASPETT ESTERN TAL-PAK

Mill-1995, il-Politika Agrikola Komuni (PAK) hija soġġetta fit-totalità tagħha għar-regoli tad-WTO, inkluż fir-rigward ta' Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim (DSB), li jistabbilixxi proċedura riġida għat-tilwimiet li jiżgura li l-Istati firmatarji jkunu konformi mar-regoli multilaterali ġodda.

Barra minn hekk, il-PAK hija affettwata mill-konċessjonijiet agrikoli mogħtija lil firxa wiesgħa ta' pajjiżi taħt bosta ftehimiet multilaterali u bilaterali, kif ukoll minn derogi unilaterali mogħtija fil-qafas tas-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (GSP). Dawn il-ftehimiet preferenzjali jiġġustifikaw il-livell għoli ta' importazzjonijiet agrikoli tal-Unjoni Ewropea li ġejjin mill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp (ara l-iskeda 3.2.10, Tabella VI).

## IL-FTEHIM TAD-WTO DWAR IL-BIEDJA

Il-GATT tal-1947 kien japplika inizjalment għall-biedja, iżda kellu n-nuqqasijiet tiegħu, u l-Istati firmatarji (jew il-"partijiet kontraenti") kienu eskludew dan is-settur mill-kamp ta' applikazzjoni tal-prinċipji msemmija fil-ftehim ġenerali. Fil-perjodu 1947-1994 il-pajjiżi membri setgħu jirrikorru għal sussidji tal-esportazzjoni għall-prodotti agrikoli primarji u jimponu restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni taħt ċerti kundizzjonijiet, bir-riżultat li għall-prodotti agrikoli bażiċi tpoġġew ostakli kummerċjali fuq skala mhux komuni meta

mqabbel ma setturi oħra. It-triq li wasslet għal sistema ta' skambju ekwu ta' prodotti agrikoli u orjentat lejn is-suq għalhekk, kienet twila u iebsa; in-negozjati ġew finalment konklużi matul iċ-Ċiklu tal-Urugwaj. Il-biedja għandha status speċjali fil-ftehimiet u l-Memoranda ta' Qbil fuq il-kummerċ tad-WTO (li ġew iffirmati fl-1994 u li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1995), għaliex tgawdi minn ftehim speċifiku: il-Ftehim dwar il-Biedja, b'dispożizzjonijiet li għandhom prevalenza. Barra minn hekk, ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar l-Applikazzjoni tal-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji (SPS) jinvolvu wkoll il-produzzjoni u l-kummerċ agrikoli. L-istess japplika għall-Ftehim dwar l-aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ (TRIPS) f'dak li jirrigwarda l-protezzjoni tad-deżinjazzjonijiet ġeografiċi. Fl-aħħar nett, id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar il-Biedja rigward l-aċċess għas-suq huma supplementati bil-Ftehim dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ, kif ukoll b'dispożizzjonijiet ta' assistenza teknika.

Dawn il-ftehimiet jipprevedu ċerta flessibilità fir-rigward tal-implimentazzjoni tagħhom, minn naħa, favur il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u li huma membri tad-WTO (trattament speċjali u differenzjat) u, min-naħa l-oħra, il-pajjiżi l-anqas żviluppati u l-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp li huma importaturi netti ta' prodotti alimentari (dispożizzjonijiet speċjali).

Fuq il-bażi tal-Ftehim dwar il-Biedja, l-istati membri tad-WTO impenjaw ruħhom li jimplimentaw programm ta' riforma tal-politiki agrikoli fis-seħħ li jistabbilixxi impenji vinkolanti speċifiċi fi tliet oqsma prinċipali:

**A.** L-aċċess għas-suq

Fil-Ftehim dwar il-Biedja sar sforz biex l-aċċess għas-swieq ikun aħjar billi jirrikjedi:

- it-trasformazzjoni tal-miżuri kollha ta' protezzjoni mal-fruntieri f'tariffi tad-dwana (ekwivalenti tariffarji) biex imbagħad jitnaqqsu gradwalment (b'36% bejn l-1995 u l-2000, meta mqabbla mal-perjodu ta' referenza 1986-1988) għall-pajjiżi żviluppati; b'24% għall-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp);
- għal prodotti speċifiċi li mhumiex soġġetti għat-tariffi, ġew stabbiliti impenji ta' "aċċess minimu" għall-pajjiżi terzi permezz tal-ftuħ ta' kwoti tariffarji (li fl-aħħar tas-sena 2000 irrappreżentaw 5 % tal-konsum tal-perjodu ta' bażi 1986-1988 għal kull grupp ta' prodotti);
- iż-żamma tal-konċessjonijiet tariffarji għall-importazzjoni għall-inqas għal-livell tagħhom fil-perjodu 1986-1988 (aċċess imsejjaħ "kurrenti"); l-introduzzjoni ta' klawsola ta' salvagwardja speċjali, li tapplika meta jew meta l-volum ta' importazzjonijiet jaqbeż ċertu limitu massimu, jew meta l-prezzijiet tal-importazzjonijiet jaqgħu taħt ċertu livell minimu.

**B.** L-appoġġ intern

Il-ftehim dwar il-biedja ppreveda tnaqqis fl-ammonti ta' appoġġ differenzjat skont in-natura tal-għajnuniet. Dawn tal-aħħar huma kkategorizzati f'"kaxxi" differenti skont l-effetti ta' distorsjoni li huma jista' jkollhom fuq in-negozju fi ħdan is-swieq agrikoli.

- Il-"kaxxa oranġjo", imsejħa wkoll "Miżura Kumplessiva ta' Appoġġ" (AMS), tikkombina l-appoġġ permezz tal-prezzijiet u tal-għajnuniet marbuta mal-produzzjoni li mhumiex eżentati mill-obbligu ta' tnaqqis. Din kellha titnaqqas b'20% fuq perjodu ta' sitt snin, meta mqabbla mal-perjodu ta' referenza 1986-1988. Barra

minn hekk, il-membri kollha tad-WTO jistgħu japplikaw il-"klawsola de minimis", li tippermetti li kwalunkwe appoġġ li jammonta għal inqas minn 5% tal-valur tal-prodott ikkunsidrat (għajnuniet speċifiċi) jew tal-produzzjoni agrikola totali (għajnuniet mhux speċifiċi) jiġi eskluż mill-AMS kurrenti. Dan il-limitu massimu huwa ffissat għal 10% għall-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp;

- Il-"kaxxa blu" tkopri l-għajnuniet marbuta mal-programmi ta' kontroll tal-provvista, li huma eżentati mill-impenji ta' tnaqqis: pereżempju, l-għajnuniet diretti bbażati fuq superfiċje u fuq rendimenti ffissati jew allokati għal numru ta' bhejjem tal-ifrat (il-każ tal-"għajnuna kompensatorja" approvata fl-1992 mill-PAK) (ara l-iskeda 3.2.3). Sadattant, għal kull prodott, it-total tal-appoġġ għall-Miżura Kumplessiva ta' Appoġġ u tal-għajnuniet ikklassifikati fil-kaxxa blu ("AMS totali") ma jistax jaqbeż l-appoġġ totali mogħti matul il-kampanja tal-1992 għall-kummerċjalizzazzjoni.
- Il-"kaxxa ħadra" fiha żewġ gruppi ta' appoġġ. L-ewwel wieħed jirrigwarda s-servizzi pubbliċi (pereżempju, ir-riċerka, it-taħriġ, il-kummerċjalizzazzjoni, il-promozzjoni, l-infrastruttura, l-għajnuna alimentari domestika jew l-istokkijiet pubbliċi għall-finijiet ta' sikurezza alimentari). It-tieni wieħed jirrigwarda l-ħlasijiet diretti lill-produtturi, li huma kompletament diżakkoppjati mill-produzzjoni. Dawn jinkludu prinċipalment programmi ta' garanzija ta' dħul u ta' sikurezza (diżastri naturali, kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-istat fl-assigurazzjoni tal-uċuħ, eċċ.), programmi bl-iskop tal-aġġustament ta' strutturi u programmi bl-għan tal-protezzjoni tal-ambjent. L-għajnuniet kollha tal-kaxxa l-ħadra, li jitqiesu bħala kompatibbli mal-qafas tad-WTO, jibbenifikaw minn eżenzjoni totali mill-impenji ta' tnaqqis.

### C. Is-sussidji għall-esportazzjonijiet

L-appoġġ għall-esportazzjonijiet kellu jitnaqqas fuq perjodu ta' sitt snin b'21 % fil-volum u b'36 % fil-baġit meta mqabbel mal-perjodu ta' bażi 1986-1990 (ħlief għal-laħam taċ-ċanga: 1986-1992). Fl-Unjoni Ewropea, dan it-tnaqqis lineari ġie applikat għal 20 grupp ta' prodotti. Għall-prodotti pproċessati, ġie applikat biss it-tnaqqis baġitarju.

## L-EFFETTI TAL-FTEHIM DWAR IL-BIEDJA FUQ IL-PAK

Ir-riforma tal-PAK tal-1992 kellha parzjalment l-objettiv li tiffaċilita l-iffirmar tal-Ftehim dwar il-Biedja fil-qafas taċ-Ċiklu tal-Urugwaj. Konsegwentement, l-Unjoni Ewropea fil-parti l-kbira rrispettat l-impenji meħuda f'Marrakech.

### A. L-aċċess għas-suq

L-impenji tad-dazji kkonsolidati tal-Unjoni Ewropea rrigwardaw 1 764 linja tariffarja. Il-medja tad-dazju kkonsolidat għall-prodotti agroalimentari, li kienet 26% fil-bidu tal-perjodu ta' implimentazzjoni, ma kinitx iżjed minn 17% fi tmiem dan il-perjodu. Barra minn hekk, l-Unjoni Ewropea ma applikat ebda dazju jew inkella applikat dazji minimi għal 775 linja minn total ta' 1 764. Huma biss 8% l-linji tariffarji li għandhom dazju doganali ogħla minn 50%. Dawn l-ogħla tariffi jirrigwardaw il-prodotti tal-ħalib, il-laħam taċ-ċanga, iċ-ċereali u l-prodotti b'bażi ta' ċereali kif ukoll iz-zokkor u d-dolċifikanti. Fir-rigward tal-kwoti tariffarji, l-Unjoni Ewropea stabbiliet total ta' 87 kwota, li 37 minnhom jikkonċernaw "l-aċċess minimu" u 44 "l-aċċess kurrenti". Fl-2014, madwar 71% tat-

total tal-importazzjonijiet agroalimentari daħlu fl-Unjoni b'dazju żero għal valur ta' EUR 72 biljun.

**B.** L-esportazzjonijiet issussidjati

Qabel il-projbizzjoni tagħhom bħala parti mir-riforma tal-PAK tal-2013, il-biċċa l-kbira tal-esportazzjonijiet issussidjati notifikati lid-WTO kienu joriġinaw mill-Unjoni Ewropea. L-għadd tagħhom niżel għal żero fl-2017. Madankollu, wieħed għandu jqis li bosta prattiki tal-kompetituri prinċipali tagħna (pereżempju, fir-rigward ta' għajnuna alimentari, ta' krediti għall-esportazzjoni u ta' intrapriżi kummerċjali tal-istat) mhumiex soġġetti għar-regoli tad-WTO. L-UE issa se tuża r-rimborżi għall-esportazzjonijiet f'każijiet eċċezzjonali sabiex tegħleb il-kriżijiet gravi li jolqtu s-swieq. Is-sehem mir-rimborżi għall-esportazzjoni fil-baġit agrikolu tal-Unjoni Ewropea naqas minn 29.5% fl-1993 (EUR 10.1 biljun), fl-Unjoni Ewropea ta' 12-il Stat Membru, għal madwar 0% fl-2017, fl-Unjoni ta' 28 Stat Membru (ara l-iskeda 3.2.2). Għal uħud mill-prodotti tal-Unjoni, it-tnaqqis kien kunsiderevoli: Dan jikkonċerna b'mod partikolari l-butir, il-kolza, il-ġobon, il-frott u l-ħxejjex, il-bajd, l-inbid u l-laħam b'mod ġenerali. L-aħħar notifika lid-WTO tmur lura għall-perjodu 2016-2017 (G/AG/N/EU/55 tat-28 ta' Marzu 2019).

**C.** L-appoġġ intern

Ir-riforma tal-PAK tal-2003, li ddiżakkoppjat il-maġġoranza tal-għajnuniet diretti eżistenti, u r-riformi settorjali suċċessivi ppermettew li l-parti l-kbira tal-kaxex oranġjo u blu tiġi kkonvertita għall-kaxxa l-ħadra (EUR 61.6 biljun fl-2016/2017, ara t-tabella hawn taħt). Il-"kaxxa oranġjo" (AMS, jew Miżura Kumplessiva ta' Appoġġ) naqset drastikament, minn EUR 81 biljun fil-bidu tal-perjodu tal-Ftehim għal EUR 6.9 biljun fl-2016-2017, minkejja l-fażijiet suċċessivi ta' tkabbir. L-Unjoni Ewropea, għalhekk, fil-parti l-kbira tirrispetta l-impenji meħuda f'Marrakech (EUR 72.38 biljun fis-sena) fir-rigward tal-AMS. Barra minn hekk, il-"kaxxa blu" laħqet EUR 4.6 biljun fl-istess perjodu ta' notifika.

| APPOĠĠ DOMESTIKU TAL-UE NOTIFIKAT LID-WTO (f'miljuni ta' euro) | Il-KAXXA ĦADRA (Ammont u %) | Il-KAXXA BLU (Ammont u %) | IL-KAXXA ORANĠJO (Ammont u %) | L-APPOĠĠ TOTALI NOTIFIKAT |
|---|---|---|---|---|
| **Perjodu 2011/2012 (G/AG/N/EU/20)** | 70 976.8<br>87.8 % | 2 981.1<br>3.7 % | 6 858.9<br>8.5 % | 80 816.8<br>100 % |
| **Perjodu 2012/2013 (G/AG/N/EU/26)** | 71 140.0<br>89.1 % | 2 754.2<br>3.5 % | 5 899.1<br>7.4 % | 79 793.3<br>100 % |
| **Perjodu 2013/2014 (G/AG/N/EU/34)** | 68 697.8<br>88.8 % | 2 663.6<br>3.4 % | 5 971.7<br>7.8 % | 77 333.1<br>100 % |
| **Perjodu 2014/2015 (G/AG/N/EU/43)** | 65 256.8<br>87.3 % | 2 878.8<br>3.8 % | 6 642.3<br>8.9 % | 74 777.9<br>100 % |
| **Perjodu 2015/2016 (G/AG/N/EU/46)** | 60 828.5<br>84.2 % | 4 331.1<br>6.0 % | 7 101.8<br>9.8 % | 72 261.4<br>100 % |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Perjodu 2016/2017 (G/AG/N/EU/55)** | 61 696.1<br>84.2 % | 4 641.2<br>6.3 % | 6 944.5<br>9.5 % | 73 281.8<br>100 % |

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament Ewropew dejjem segwa mill-qrib ħafna l-progress fin-negozjati multilaterali inġenerali, u tan-negozjati agrikoli. Għadd ta' riżoluzzjonijiet juru dan l-interess (pereżempju,. ir-riżoluzzjoni tat-18 ta' Diċembru 1999 dwar it-Tielet Konferenza Ministerjali tad-WTO f'Seattle; tat-13 ta' Diċembru 2001 dwar il-laqgħa tad-WTO f'Doha; tat-12 ta' Frar 2003 dwar in-negozjati tad-WTO dwar is-suġġett tal-kummerċ agrikolu; tal-25 ta' Settembru 2003 dwar il-Ħames Konferenza Ministerjali tad-WTO f'Cancún; tal-1 ta' Diċembru 2005 dwar it-tħejjijiet għas-Sitt Konferenza Ministerjali tad-WTO f'Ħong Kong; tal-4 ta' April 2006, tad-9 ta' Ottubru 2008, tas-16 ta' Diċembru 2009, tal-14 ta' Settembru 2011, tal-21 ta' Novembru 2013 u tas-26 ta' Novembru 2015 dwar l-evalwazzjoni valutazzjoni taċ-Ċiklu ta' Doha; u tal-15 ta' Novembru 2017 dwar in-negozjati multilaterali fid-dawl tal-11-il Konferenza Ministerjali tad-WTO fi Buenos Aires. Il-Parlament dejjem stieden lill-Kummissjoni Ewropea tissalvagwardja l-interessi tal-produtturi u tal-konsumaturi Ewropej kif ukoll dawk tal-bdiewa tal-pajjiżi li magħhom l-Unjoni Ewropea minn dejjem kellha relazzjonijiet partikolari (il-pajjiżi AKP). Fl-1999, fil-bidu taċ-Ċiklu msejjaħ "tal-millennju", huwa esprima l-appoġġ tiegħu għall-approċċ adottat min-negozjaturi tal-Unjoni favur il-mudell agrikolu Ewropew, ibbażat fuq il-multifunzjonalità tal-attività agrikola. Bosta riżoluzzjonijiet ikkonfermaw dan l-appoġġ billi enfasizzaw ukoll l-importanza tar-rikonoxximent espliċitu tal-"interessi mhux kummerċjali", kif ukoll il-kunsiderazzjoni taċ-ċittadini fir-rigward tas-sikurezza tal-ikel, tal-ħarsien tal-ambjent, tal-kwalità tal-ikel u tal-benesseri tal-annimali.

Il-prijorità mogħtija lill-bilateraliżmu mill-Istati Uniti mill-elezzjoni ta' Donald Trump fl-2017 xekklet is-sistema ta' kummerċ multilaterali, kif muri, pereżempju, mill-gwerra tariffarja maċ-Ċina jew mid-deċiżjoni tal-Korp tal-Appell tad-WTO fl-2019. Fid-dawl ta' dan il-fatt, l-Unjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew se jiżguraw li l-acquis tas-sistema multilaterali jiġi ppreservat fid-WTO, b'mod partikolari fil-qasam tal-kummerċ agrikolu (f'Diċembru 2019, l-Unjoni diġà pproponiet lill-pajjiżi membri tad-WTO proċedura ta' appell proviżorja biex tissostitwixxi l-Korp tal-Appell).

François Nègre
02/2020